MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 708/2007

**Philippa El Sallak**

**vs**

**Landmark Co Limited (C 37918)**
**Metropolis Contracting Limited (C 41446)**
**Metropolis Developments Limited (C 35533)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Philippa El Sallak li permezz tieghu din, wara li ppremettiet illi:

L-attrici kellha l-pussess u d-detensjoni tal-fond enumerat '2', Marlene Flats, Triq Testaferrata, Msida, limiti tal-Gzira;

Ricentement, is-socjeta' konvenuta jew min minnhom, akkwistat l-imsemmija proprjeta', ghalqet il-bieb li jeccedi ghall-imsemmija proprjeta', kif ukoll inbarrat it-tarag, b'dan

illi l-attrici, u membri tal-familja taghha ma jistghux jeccedu fl-imsemmija proprjeta';

Bl-agir tas-socjeta' konvenuta, u bix-xogholijiet strutturali li gew imwettqa, giet imnaqqsa konsiderevolment il-proprjeta' ta' l-attrici u ta' membri tal-familja taghha, u l-uzu u t-tgawdija ta' l-istess proprjeta', b'konsegwenza illi l-esponenti giet spoljata bi vjolenza u klandestinita';

L-attrici qieghda tagixxi infra bimestre;

L-esponenti u membri tal-familja taghha jafu personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Talbet l-attrici tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta jew min minnhom ikkommettew att ta' spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-attrici.

Tordna r-reintegrazzjoni favur l-attrici u membri tal-familja taghha tal-pussess u d-detenzjoni tal-fond enumerat '2', Marlene Flats, Triq Testaferrata, Msida, limiti tal-Gzira, fi zmien qasir u perentorju, okkorrendo taht in-nomina ta' periti nominandi u taht dawk is-sanzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa li tistabilixxi.

Tawtorizza lill-attrici u membri tal-familja taghha sabiex wara d-dekors inutili tat-terminu prefiss lis-socjeta' konvenuta jew min minnhom, huma stess jirrintegraw irwiehhom fil-pussess u d-detenzjoni tal-proprjeta' in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta jew min minnhom li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta ta' Metropolis Contracting Limited u Metropolis Developments Limited, fejn dawn eccepew illi:

L-esponent Metropolis Contracting Limited u Metropolis Developments Limited la ma ghandhom u lanqas qatt ma

kellhom ebda interess, pussess jew titolu kwalunkwe fil-fond in kwistjoni;

L-ebda mis-socjetajiet esponenti ma kkommettew xi att ta' spoll;

M'ghandhomx ebda relazzjoni mar-rikorrenti, jew membri tal-familja taghha, u ma jafux min hi.

Ghaldaqstant l-esponenti m'humiex il-legittimi kuntraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Landmark Co Limited, fejn din qalet illi:

Preliminarjament, is-socjeta' esponenti m'hijiex il-legittimu kuntradittur stante illi qatt ma kellha u lanqas ghandha ebda konnessjoni, lanqas remota, la ma' l-attrici u lanqas mal-proprjeta' imsemmija fir-rikors guramentat odjern;

Fil-mertu, l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi s-socjeta' esponenti la akkwistat il-fond imsemmi fir-rikors guramentat odjern, u lanqas wettqet ix-xogholijiet imsemmija fl-istess rikors guramentat odjern;

Il-proceduri odjerni effettivament jikkostitwixxu biss azzjoni fiergha u vessatorja fil-konfront tas-socjeta' esponenti;

Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu, il-Qorti cahdet li tiddahhal fil-kawza socjeta' ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz tal-provi migjuba mill-intimati socjetajiet jirrizulta li ebda wahda minnhom ma hija b'xi mod konnessa mal-fond li dwaru jittratta r-rikors tal-attrici.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet tal-attrici.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------